# IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA
# "MULEJ, GĦAND MIN IMMORRU"

***Daħla:*** Illum nisimgħu lil Ġesù jagħlaq it-tagħlim dwar l-Ewkaristija billi jitfa' sfida lid-dixxipli tiegħu kif se nisimgħu fl-Evanġelju. Neħtieġu li nifhmu li qed nieklu l-Ġisem ta' Ġesù li ssallab għalina għall-maħfra ta' dnubietna. L-għadu tagħna ma jridniex nitqarbnu għax it-Tqarbina ssalvana. Li nemmnu f'Ġesù u nistqarruh għandu l-konsegwenzi fis-soċjetà. Nagħmlu kuraġġ u niddeċiedu li nieħdu lill-Mulej bis-serjetà. Nibdew il-quddiesa billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Ġożwè jisfida lin-nies ta' żmienu lil min tassew iridu jaqdu: lil Alla s-Salvatur jew allat oħra li ma jiswewx. Huma għażlu li jaqdu biss lill-Mulej, Alla li ħelishom.

***Responsorju tas-Salm:*** **Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.**

***It-Tieni Qari:*** Ir-relazzjoni li għandu Ġesù mal-Knisja hi l-mudell għall-ħajja miżżewġa, hi l-mudell għar-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Il-ħobż li noffru se jinbidel fil-Ġisem ta' Ġesù li ħareġ rebbieħ fuq il-Mewt. Din l-offerta tippreparana sew għat-Tqarbina li aħna mistednin għaliha llum. Waqt li nagħmlu l-offerta nkantaw….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Ġesù tana Ġismu biex nikluh billi miet fuq is-Salib u Rxoxta mill-Mewt. Aħna nipparteċipaw fir-rebħa ta' Ġesù meta nitqarbnu b'Ġismu. Nirċievu b'umiltà lil Ġesù waqt li nkantaw flimkien….

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Bħal Pietru, Missier, aħna nistqarru li "aħna emminna u għarafna" li f'Ġesù biss hemm salvazzjoni sħiħa. Nirringrazzjawk b'qalbna kollha u ngħidu ...

***Kant tal-Għeluq…***